MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru 988/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**George Coleiro**
**Emanuel Gafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom George Coleiro ta' 60 sena, iben il-mejjet Gerald u l-mejta Catherine nee' Baldacchino, imwieled Birkirkara nhar is-17 ta' Ottubru 1944 u li joqghodu f'2, Gomez Flats, Triq ic-Cawsli, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 892344(M); u

Emanuel Gafa ta' 48 sena iben Saviour u Nazzarena nee' Zarb, imwieled l-Isla fil-21 ta' Novembru, 1958 u joqghod f'

Nru 262, Triq il-Kampanella, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 779556(M) gew akkuzati talli f’ dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta’ Novembru, 2000 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ sigaretti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, kif ukoll bil-persuna u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija “Central Cigarettes Company Limited” u/jew persuni ohra;
2. u aktar, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud, gew akkuzati talli nhar id-29 ta’ Novembru, 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’ dawn il-Gzejjer wara ntervent u tfittxija li saret minn ufficjali tal-Pulizija gewwa l-vetturi u residenzi taghhom instab li xjentement kellhom fil-pussess u/jew that il-kontroll taghhom sigaretti bla dazju kif jidher fin-nota ta’ qbid 47/2002 mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana;
3. U aktar, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur Mizjud gew akkuzati talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, xjentement kellhom x’ jaqsmu b’ xi mod filli jigu mwarba jew irtirati kontra l-ligi dawn is-sigaretti minn lok ta’ kustodja tal-fabbrika Central Cigarettes Company Limited, minghajr ma kien sar l-ezami taghhom kif mehtieg mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana, u mhux bl-awtorita’ jew taht is-sorveljanza ta’ dan l-ufficjal inkarigat tad-Dwana, u mhux bl-awtorita’ jew taht is-sorveljanza ta’ dan l-ufficjal u/jew kif ukoll iddisponew kontra l-ligi minn sigaretti ta’ din ix-xorta u dan bil-hsieb illi bil-qerq seta’ jaharbu milli jhallsu d-dazju u/jew xi xorta ta’ taxxa ohra dovuta fuq dawn is-sigaretti, ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Semghet provi.

Ratl-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 19 tal-Process, rat ukoll il-*Letter to Prosecute* tal-Kummissarju tal-VAT rigward l-imputat George Coleiro li tinsab a fol 3 u 4 tal-Process, il-*Letter to Prosecute* tal-Kummissarju tal-

VAT rigward l-imputat Emanuel Gafa li tinsab a fol. 5 u 6 tal-Process, kif ukoll rat il-*Letter to Prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana rigward l-imputat Emanuel Gafa li tinsab f fol. 7 u 8 tal-Process u il-*Letter to Prosecute* rigward l-imputat George Coleiro li tinsab a fol 9 u 10 tal-Process.

Innutat li l-imputati m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-seduta tallum, l-Ufficjal Prosekutur, id-Difizi rispettivi ta’ l-imputati u Joseph Borg ghall-Kontrollur tad-Dwana ddikjaraw li jaqblu li stante li l-akkuzi migjuba kontra l-imputati allegatament sehhew fid-29 ta’ Novembru, 2000 u matul ix-xhur ta’ qabel, il-ligi tal-VAT u tad-Dwana li hi applikabbli f’ dan il-kaz, hija dik li kienet in vigore f’ dak iz-zmien.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 18, 17, 31, 261(d) u (f), 268, 270 u 281(b) tal-Kap 9, l-artikoli 60(b), (c), (d), (e) u (k), 62(a), (c), (e), (f), (g), (h), (i) u (k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 tal-Kap. 37, l-artikoli 16(j) u 17 ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa u l-artikolu 80 ta’ l-Att Nru XXIII ta’ l-1998.

Issib lill-imputati George Coleiro u Emanuel Gafa, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati George Coleiro u Emanuel Gafa

ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputati George Coleiro u Emanuel Gafa jikkomettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti tordna il-konfiska a favur tal-Gvern ta’ Malta tas-segwenti vetturi: vettura tal-marka Vauxhall bin-numru ta’ registrazzjoni EBA605 u vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta’ registrazzjoni DAQ345 li gew esebiti formalment fl-atti ta’ din il-kawza u rispettivament markati bhala Dok CBP1 u Dok CBP2, u inoltre tordna il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oggetti esebiti formalment fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. JBD2 u Dok JBD4.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati George Coleiro u Emanuel Gafa l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------